

Brussell, 5 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8086/20

POLGEN 46

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Immexxu 'l quddiem l-Aġenda Strateġika Programm ta' tmintax-il xahar tal-Kunsill (1 ta' Lulju 2020 - 31 ta' Diċembru 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill, imħejji mill-Presidenzi futuri tal-Ġermanja, il-Portugall u s-Slovenja u r-Rappreżentant Għoli, President tal-Kunsill Affarijiet Barranin.

Il-programm**I. INTRODUZZJONI**

Il-pandemija tal-COVID-19 hija sfida bla preċedent għall-Ewropa u għad-dinja kollha. Bħala kriżi globali tas-saħħa, din affettwat is-soċjetajiet u l-ekonomiji tal-Istati Membri tal-UE b'mod drammatiku. Teħtieġ azzjoni urġenti, deċiżiva u komprensiva fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, reġjonali u lokali¹. It-tliet Presidenzi ser jagħmlu dak kollu li huwa meħtieġ biex isaħħu r-reżiljenza tal-Ewropa, jipproteġu liċ-ċittadini tagħna u jegħlbu l-kriżi, filwaqt li jippreservaw il-valuri u l-istil ta' ħajja Ewropej tagħna. B'hekk, it-Triju huwa impenjat lejn il-ħames linji ta' azzjoni identifikati fid-Dikjarazzjoni konġunta tal-Membri tal-Kunsill Ewropew tas-26 ta' Marzu 2020.

Minħabba l-kriżi tal-COVID-19, li għet iddikjarata pandemija mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), is-soċjetajiet u b'mod partikolari s-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri għaddew u għadhom qed jgħaddu minn prova iebša. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE ngħaqdu flimkien f' spirtu ta' solidarjetà biex jikkoordinaw u jimplimentaw miżuri rilevanti għall-kura tas-saħħa. Proċess ta' rkupru fit-tul fis-setturi l-oħrajn kollha tal-ekonomija u tal-ħajja pubblika jista' jibda biss jekk il-politika tas-saħħa jirnexxielha trażżan u eventwalment tegħleb it-theddida ppreżentata mill-COVID-19.

¹ Ara d-Dikjarazzjoni konġunta tal-Membri tal-Kunsill Ewropew, 26 ta' Marzu 2020.

Filwaqt li diġà ttieħdu ħafna miżuri matul il-Presidenza Kroata biex tiġi indirizzata l-kriżi, għad fadal ħafna xi jsir, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontroll tal-pandemija u biex is-soċjetajiet u l-ekonomiji tal-Ewropa jergġhu lura għal funzjonament sħiħ billi jitrawwem tkabbir sostenibbli, bl-integrazzjoni fost oħrajn tat-transizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali, u billi jinsiltu t-tagħlimiet kollha mill-kriżi² u jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħha. Għal dan il-għan, bħala prijorità globali, it-tliet Presidenzi huma ddeterminati li jimplimentaw il-miżuri xierqa kollha li jwasslu għal irkupru robust tal-ekonomija Ewropea, f'konformità ma' strateġija ta' tkabbir sostenibbli u inklużiv, li tqis l-għan li tinkiseb newtralità klimatika sal-2050 u li tindirizza l-impatti soċjali sinifikanti u d-dimensjonijiet umani. It-Triju ser isegwi l-proposti futuri tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilita sistema ta' ġestjoni tal-kriżijiet aktar ambizzjuża, estensiva u kkoordinata fl-UE.

It-Triju huwa impenjat lejn il-prinċipji tal-Pjan Direzzjonali Ewropew Konġunt għat-tneħħija tal-miżuri ta' konteniment tal-COVID-19 u tal-Pjan Direzzjonali għall-Irkupru.³ Il-pjan għall-irkupru jrid ikun ibbażat fuq is-solidarjetà, il-koeżjoni u l-konverġenza; l-irkupru jrid ikun flessibbli, aġli u jeħtieġ li jevolvi maż-żmien; irid ikun inklużiv u kondiviż minn daww kollha involuti; filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ il-valuri, id-drittijiet u l-istat tad-dritt tagħna.

It-tliet Presidenzi ser jagħmlu l-almu tagħhom biex jirrestawraw u japprofondixxu aktar is-Suq Uniku, imexxu 'l quddiem it-Transizzjoni ekoloġika u t-Trasformazzjoni diġitali, jirsistu għas-sovranità diġitali, jiżguraw l-awtonomija strateġika tal-UE permezz ta' politika industrijali dinamika, jappoġġaw l-SMEs u n-negozji ġodda, jiskrinjaw l-investiment dirett barrani, jibnu infrastruttura aktar reżiljenti b'mod partikolari fis-settur tas-saħħa, u jipproduċu prodotti kritiċi fl-Ewropa biex titnaqqas id-dipendenza żejda fuq pajjiżi terzi – f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-pjan direzzjonali għall-irkupru.

² Ara l-Pjan Direzzjonali Ewropew Konġunt għat-tneħħija tal-miżuri ta' konteniment tal-COVID-19, 15 ta' April 2020.

³ Pjan Direzzjonali għall-Irkupru - Lejn Ewropa aktar reżiljenti, sostenibbli u ġusta, 22 ta' April 2020.

It-Triju ser jikkontribwixxi għall-isforzi ta' investiment bla preċedent u, meta jkun meħtieġ, ser imexxihom biex jallimentaw l-irkupru, li għandu jkun immirat lejn objettivi komuni u ffokat fuq fejn huwa l-aktar meħtieġ. Dawn l-isforzi ser jinkludu xbieki ta' sikurezza għaċ-ċittadini, il-kumpanniji u s-sovrani, u Fond għall-Irkupru marbut mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali biex ikun hemm insistenza fuq l-irkupru sostenibbli.

It-tliet Presidenzi jagħtu importanza lill-isfida globali ppreżentata mill-pandemija u lir-rwol tal-UE bħala attur globali li għandu responsabbiltà partikolari li jgħin fit-tfassil ta' rispons globali permezz tal-multilateraliżmu u ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli. Dan ser jinkludi l-ħidma favur prijoritajiet ta' politika ewlenin fejn ikun hemm diskrepanzi importanti fir-riżorsi, it-tiżiħ tal-kapaċitajiet ta' rispons fil-pajjiżi li jkollhom l-aktar sistemi tas-saħħa, tal-ilma u tas-sanità dgħajfa, speċjalment fl-Afrika, u l-mitigazzjoni tal-konsegwenzi soċjoekonomiċi severi. Rispons globali jeħtieġ kollaborazzjoni reġjonali akbar fil-ħidma fuq dijanjostiċi, terapiji u vaċċini ġodda. It-tliet Presidenzi ser jinvolvu ruħhom f'dawn l-isforzi kollha f'approċċ li tassew jirrifletti t-"Tim Ewropa".

It-Triju ser jinvesti fl-iżvilupp ta' sistema ta' governanza li twassal għal UE aktar reżiljenti, effiċjenti u effettiva, li żżomm il-valuri fundamentali tagħna fil-qalba tal-approċċ tagħha.

Sabiex jinkisbu l-objettivi msemmija hawn fuq, it-Triju ser jimplimenta l-miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanja l-Pjan Direzzjonali għall-Irkupru. It-Triju huwa wkoll impenjat li jimplimenta l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz ta' Summit Soċjali tal-UE f'Mejju 2021 fuq stedina tal-President tal-Kunsill Ewropew u ospitat mill-Presidenza Portugiża.

Filwaqt li r-rispons għall-pandemija tal-COVID-19 u għall-konsegwenzi tagħha huwa l-aktar prijorità importanti għat-Triju, huwa essenzjali wkoll li terġa' tibda l-ħidma normali tal-istituzzjonijiet tal-UE biex it-Triju jagħmel progress tanġibbli fl-implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika 2019-2024. It-tliet Presidenzi jemmnu bis-sħiħ li jekk nibnu fuq il-valuri Ewropej tagħna u l-kwalitajiet pożittivi tal-Unjoni Ewropea, nistgħu nsawru l-futur komuni tagħna, nippromwovu l-interessi taċ-ċittadini, in-negozji u s-soċjetajiet tagħna, u nissalvagwardjaw l-istil ta' ħajja tagħna. Biex l-Unjoni tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha, it-Triju ser irawwem l-unità fost l-Istati Membri. Dan ser jinkiseb permezz ta' kooperazzjoni leali bbażata fuq il-valuri komuni tagħna, u r-rispett għas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

It-Triju jemmen bis-sħiħ li l-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa jenħtieġ li tikseb riżultati konkreti għall-benefiċċju taċ-ċittadini tagħna u jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-politiki tagħna fil-perijodu medju u fit-tul sabiex inkunu nistgħu nindirizzaw aħjar l-isfidi attwali u futuri.⁴

Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027

It-tliet Presidenzi jqisu li huwa importanti li jintlaħaq qbil dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027. Il-QFP ser ikun strument ewlieni biex jiġi appoġġat irkupru dejjiemi. Jenħtieġ li jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri għal investiment sostnut fl-oġġettivi strateġiċi u fil-politiki kollha tal-UE, f'konformità mal-Pjan Direzzjonali għall-Irkupru. Flimkien ma' Fond għall-Irkupru, il-QFP li jmiss ser ikun ir-risposta ambizzjuża li teħtieġ l-Ewropa, filwaqt li jappoġġa l-prijoritajiet komuni tagħna. It-Triju jimpenja ruħu li jaħdem bla heda biex jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew u biex jiffinalizza l-proposti settorjali pendenti mill-aktar fis possibbli, filwaqt li fl-istess ħin isegwi bir-reqqa l-mandat mogħti mill-Kunsill Ewropew. It-Triju ser jagħmel l-almu tiegħu sabiex jiġi evitat kwalunkwe dewmien bla bżonn bl-implimentazzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u l-programmi relatati tiegħu. L-adozzjoni f'waqtha tal-leġislazzjoni tal-politiki kollha relatati mal-investiment u politiki rilevanti oħra hija ta' importanza kruċjali sabiex tingħata tweġiba adegwata u b'saħħitha għall-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 u għal oġġettivi strateġiċi oħra u għall-isfidi kontinwi tal-Unjoni.

⁴ Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, 12 ta' Diċembru 2019.

Relazzjoni futura bejn l-UE u r-Renju Unit

Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea. Sakemm ma jkunx hemm qbil dwar estensjoni, il-perijodu ta' transizzjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2020. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew ikkonferma mill-ġdid ix-xewqa tiegħu li jistabbilixxi relazzjoni futura li tkun viċin kemm jista' jkun possibbli tar-Renju Unit, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika u b'rispett lejn il-linji gwida maqbula qabel tal-Kunsill Ewropew, kif ukoll l-istqarrijiet u d-dikjarazzjonijiet, b'mod partikolari dawk tal-25 ta' Novembru 2018. B'mod partikolari l-Kunsill Ewropew tenna li r-relazzjoni futura mar-Renju Unit ser ikollha tkun ibbażata fuq bilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi u tiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. F'konformità mal-linji gwida u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew u d-Dikjarazzjoni Politika, fil-25 ta' Frar 2020 il-Kunsill adotta direttivi ta' negozjati li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni u t-termini tas-sħubija futura li għandha tiġi negozjata bejn il-Kummissjoni Ewropea u r-Renju Unit. It-Triju ser jirsisti għal sħubija komprensiva mar-Renju Unit li tkun ġusta u ekwa għall-Istati Membri kollha u li tkun fl-interess taċ-ċittadini tagħna li tidħol fis-seħħ sa tmiem il-perijodu ta' transizzjoni.

Il-Programm ta' Ħidma aġġustat tal-Kummissjoni għall-2020

It-Triju ser iqis il-Programm ta' Ħidma aġġustat tal-Kummissjoni għall-2020. It-Triju japprezza li l-Kummissjoni hija impenjata bis-sħiħ biex tikseb riżultati fl-inizjattivi ewlenin kollha tagħha mħabbra fil-Programm oriġinali tagħha, u li l-proposti li huma essenzjali jew li jappoġġaw l-irkupru immedjat ser jiġu adottati kif ġie ppjanat inizjalment. It-Triju jistieden lill-Kummissjoni biex tadotta kemm jista' jkun malajr l-inizjattivi ewlenin kollha, li sofrew dewmien minħabba l-pandemija. It-tliet Presidenzi jilqgħu l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel aktar użu mill-Prospettiva Strateġika sabiex tiegħu approċċ aktar prammatiku u fit-tul biex tassisti fil-gwida tal-politiki tal-Unjoni għas-snin li ġejjin.

II. IL-ĦARSIEN TAĊ-ĊITTADINI U TAL-LIBERTAJIET

It-tliet Presidenzi jemmnu bis-sħiħ fl-importanza tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-mudelli miftuħa tas-soċjetà tagħna, li huma l-pedament tal-libertà, is-sigurtà u l-prosperità Ewropej. F'dan ir-rigward, it-tliet Presidenzi jistennew b'interess il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija li jmiss u l-proposti li jakkumpanjawh, fir-rigward ukoll tal-libertà, il-pluraliżmu u l-indipendenza tal-media. It-Triju jissottolinja r-rwol vitali ta' media ħielsa u pluralistika, li r-rappurtar ibbażat fuq il-fatti, f'waqtu u kredibbli u d-dedikazzjoni tagħha għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni huma essenzjali aktar minn qatt qabel.

It-Triju jistenna wkoll b'interess l-Istrateġija Ġdida għall-Implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. It-Triju jirsisti biex jagħti spinta ġdida lill-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif previst fit-Trattat ta' Lisbona. Ser jippromwovi d-diversità kulturali u reliġjuża kif ukoll il-partekipazzjoni taż-żgħażaġh u jikkunsidra djalogu regolari maċ-ċittadini bħala fattur importanti biex jiġu implimentati aħjar il-politiki tal-UE.

Ir-rispons għall-pandemija tal-COVID-19 wassal għal restrizzjonijiet bla preċedent għall-istil ta' ħajja, il-libertà u d-drittijiet demokratiċi tas-soċjetajiet tagħna. It-Triju jinsab lest li jappoġġa l-applikazzjoni sħiħa tal-Valuri tal-Unjoni, inkluż l-Istat tad-Dritt fl-UE kollha.

It-Triju jistenna b'interess l-istabbiliment ta' mekkaniżmu Ewropew tal-istat tad-dritt li japplika b'mod ugwali għall-Istati Membri kollha. Din l-għodda preventiva għandha twassal għal dialogu kostruttiv aktar fil-fond aktar fil-fond fost l-Istati Membri u trawwem kuxjenza konġunta tal-istat tad-dritt f'kull wieħed minnhom. Għal dan il-għan, it-Triju ser jorganizza dialogu komprensiv fil-Kunsill dwar l-elementi kollha tar-rapport annwali mill-Kummissjoni.

L-appoġġ tal-unità fost l-Istati Membri u l-prinċipju tal-kooperazzjoni leali, ir-rispett tas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u l-promozzjoni ta' governanza f'diversi livelli ser ikunu l-prinċipji gwida tat-tmintax-il xahar.

It-Triju huwa impenjat li jintegra l-ugwaljanza, inkluż id-drittijiet u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-LGBTQIA+, jippromwovi d-diversità kulturali, jagħti opportunitajiet indaqs għal kulħadd, jiġġielek kontra kull forma ta' diskriminazzjoni, inkluż reati ta' mibegħda, u jindirizza l-vjolenza domestika. It-tliet Presidenzi jilqgħu l-Istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni ta' Ugwaljanza bejn is-Sessi 2020-2025, li tkopri, fost l-oħrajn, il-kwistjonijiet ta' vjolenza sessista u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol. Il-miżuri vinkolanti ta' trasparenza fil-pagi huma pass utli fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. F'dan ir-rigward, it-Triju jistenna b'interess il-proposta rilevanti li jmiss. Minħabba l-fatt li l-persuni akbar fl-età ġew affettwati b'mod sproporzjonat mill-pandemija tal-COVID-19, ser nippromwovu s-solidarjetà interġenerazzjonali, it-tixjiħ dinjituż u protezzjoni aħjar tad-drittijiet tal-persuni akbar fl-età u adulti vulnerabbli oħra. Ma nistgħux nippermettu lill-pandemija tal-COVID-19 iżżid l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip.

It-tliet Presidenzi jimpenjaw ruħhom li jsaħħu l-koordinazzjoni tal-ħidma tal-Kunsill fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-antisemitiżmu, speċjalment fir-rigward tal-iskambju tal-aħjar prattika.

It-Triju ser jippromwovi d-diversità kulturali, filwaqt li jirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà u, fir-rigward tas-setturi kulturali u kreattivi globalment importanti, l-impatt tagħhom fuq is-soċjetà u l-ekonomija kif ukoll jissalvagwardja l-istil ta' haġja Ewropew.

It-trasformazzjoni diġitali tippreżenta opportunitajiet iżda wkoll sfidi fir-rigward tad-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini. Għalhekk, huwa essenzjali li d-drittijiet fundamentali u l-valuri komuni jiġu rispettati fil-proċess tad-diġitalizzazzjoni.

It-tliet Presidenzi jilqgħu l-White Paper tal-Kummissjoni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u jistennew b'interess li jsir segwitu fuqha fid-dimensjonijiet kollha, inkluż ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-applikazzjonijiet fl-edukazzjoni, l-aspetti etiċi u dawk iċċentrati fuq il-bniedem, il-governanza globali tagħhom, il-qafas regolatorju bbażat fuq ir-riskju u l-aspett tar-responsabbiltà għall-intelliġenza artifiċjali. Barra minn hekk, it-Triju ser jaħdem biex jipproteġi aħjar lis-soċjetajiet tagħna minn attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, minn theddid ibridu u mid-diżinformazzjoni. Ser tiġi segwita komunikazzjoni trasparenti, f'waqtha u bbażata fuq il-fatti sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetajiet tagħna. L-att li jmiss dwar ir-reżiljenza operazzjonali u ċibernetika tas-servizzi finanzjarji u r-rieżami tad-Direttiva NIS ser ikunu passi utli f'dan ir-rigward. It-Triju ser iżid l-isforzi fil-livell Ewropew għal livell minimu obbligatorju ta' sigurtà tal-IT għal apparati li huma konnessi mal-internet.

It-tliet Presidenzi jilqgħu l-aħbar tal-Kummissjoni li tipproponi Patt Ġdid dwar il-migrazzjoni u proposti leġislattivi li jakkumpanjawh u jimpenjaw ruħhom biex imexxuhom 'il quddiem bħala kwistjoni ta' prijorità. L-UE teħtieġ soluzzjoni permanenti u prevedibbli li tkun komprensiva għall-migrazzjoni. Din jenħtieġ li tinkludi Sistema Ewropea Komuni tal-Asil li tiffunzjona, li tkun reżiljenti u li tkun reżistenti għall-kriżijiet, li jkollha l-bilanċ meħtieġ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà. Jenħtieġ li jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja sproporzjonata lejn Stat Membru wieħed jew aktar. Dan ser jeħtieġ li jiġi kkomplementat billi jissaħħu r-rotot legali għall-migrazzjoni filwaqt li fl-istess ħin jittejbu r-ritorni.

Dan l-approċċ komprensiv jenħtieġ li jinkludi wkoll l-intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali, it-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin, filwaqt li fl-istess ħin jindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni u l-ispostament furzat. Jenħtieġ li d-dimensjoni esterna tiġi indirizzata permezz tat-tisħiħ tas-sħubijiet mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu.

Fir-rigward tal-funzjonament ta' Schengen u l-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-UE, it-Triju ser jiffoka fuq l-operazzjonalizzazzjoni tar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet ġodda previsti fir-regolamenti dwar l-interoperabbiltà, ir-reviżjoni tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen u ser jagħmel l-almu tiegħu biex jirrestawra l-funzjonament sħiħ taż-żona Schengen. L-importanza ta' din saret saħansitra aktar evidenti fid-dawl tar-restrizzjonijiet imposti bħala rispons għall-kriżi tal-COVID-19.

Minbarra l-implimentazzjoni b'suċċess tal-pakkett dwar l-interoperabbiltà, it-tliet Presidenzi jistennew b'interess aktar inizjattivi relatati mal-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar is-Sigurtà tal-Unjoni, biex jittejbu l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fil-qasam tal-ĠAI, inkluż l-istrumenti komuni tagħna (is-Sistemi tal-Informazzjoni tal-UE), u ser jirsistu biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni tal-pulizija, doganali u ġudizzjarja f'materji kriminali u ċivili, inkluż permezz ta' mekkaniżmi tal-Ġustizzja elettronika. Kooperazzjoni tal-pulizija b'saħħitha u adattabbli ffaċilitata permezz ta' azzjoni konġunta kkoordinata tajjeb ser tkun vitali għall-promozzjoni tal-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi u persuni biex jitravmu ritorn ekonomiku u soċjali mill-COVID-19 fix-xhur u s-snin li ġejjin. B'mod partikolari, ser ikun importanti li nimplimentaw miżuri ta' prevenzjoni effettivi u li nkomplu nsaħħu l-ġlieda tagħna kontra t-terroriżmu, il-kriminalità serja u organizzata, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu (vjolenti) u l-kriminalità transkonfinali, kif ukoll li ntejbu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. F'dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni mħabbra dwar riformulazzjoni mmirata tar-regolament dwar il-EUROPOL sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali tal-pulizija jaf tkun ta' interess partikolari.

Jeħtieġ li l-UE tkompli ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetajiet tagħna billi tappoġġa u torganizza pjanijiet ta' azzjonijiet xierqa, bil-ħsieb ta' koordinazzjoni komprensiva, b'rispett sħiħ tal-kompetenzi u r-responsabbiltajiet fil-livelli differenti tal-UE, tal-Istati Membri u fi ħdan l-Istati Membri, f'każijiet ta' emerġenzi bħal pandemiji jew attakki ċibernetiċi fuq skala kbira. It-tliet Presidenzi huma determinati li jieħdu kont sħiħ tal-isfidi tal-pandemija tal-COVID-19 għall-UE, anke fil-qafas tal-protezzjoni ċivili Ewropea. Skont l-iżviluppi attwali u abbażi tal-esperjenza li tinkiseb, il-Presidenzi ser ikollhom l-għan li jkomplu jtejbu r-rispons tal-UE għall-kriżijiet u jsaħħu l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, inkluż l-iżvilupp ulterjuri tar-RescEU u kapaċitajiet oħra, jindirizzaw l-isfidi relatati mal-akkumular ta' materjal essenzjali relatat mas-saħħa u r-ripatrijazzjoni ta' ċittadini maqbuda f'pajjiżi terzi u jkomplu bil-proċess ta' tagħlimiet meħuda permezz tal-istabbiliment u t-tnedija tan-Network ta' Għarfien tal-UE, li għandu jiġi avvanzat b'mod sistematiku abbażi ta' xenarju pandemiku.

III. L-IŻVILUPP TAL-BAŻI EKONOMIKA TAGĦNA: IL-MUDELL EWROPEW **GĦALL-FUTUR**

Il-pandemija tal-COVID-19 ser ikollha impatt fit-tul fuq l-ekonomija tal-UE u dik globali. Minbarra miżuri fuq perijodu ta' żmien qasir li jipprevedu l-likwidità tas-settur finanzjarju tagħna, li jiġġieldu kontra t-theddida ta' reċessjoni billi jagħtu spinta lill-investimenti bla preċedent u li jiżguraw l-istabbiltà tal-finanzjament tal-Istati Membri, huwa importanti li titqies ukoll il-perspettiva fit-tul u li jittejbu l-kompetittività u s-sovranità tal-UE u li jkompli jiġi pprovdut ambjent stabbli u favorevoli għall-investiment fi ħdan is-Suq Uniku. Għalhekk, issa huwa saħansitra aktar importanti li niżviluppaw il-bażi ekonomika tagħna - karatteristika ewlenija li ser tippersisti matul it-tliet Presidenzi. Il-ħidma fuq il-Patt Ekoloġiku u fuq il-Futur Diġitali tal-Ewropa, l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari, l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni u fil-ħiliet biex tiżdied il-kompetittività, il-previżjoni ta' soluzzjonijiet għal sfidi globali, u l-ħolqien ta' impjiegi ser ikollhom rwoli dedikati biex jintlaħqu dawn l-oġettivi.

Is-Suq Uniku huwa wieħed mill-akbar assi tal-UE, u jenħtieġ li jiġi żviluppat aktar. Il-prinċipji, il-valuri u l-istandards tiegħu jirfdu r-rwol mexxej u attiv tal-UE fil-promozzjoni ta' ordni dinji bbażat fuq ir-regoli u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni lokalment kif ukoll barra mill-Unjoni. It-Triju ser jaħdem biex isaħħaħ il-pedamenti għall-kompetittività u t-tkabbir futuri tal-Unjoni. Dan jinkludi r-restawr sħiħ tas-Suq Uniku għall-funzjonament tiegħu ta' qabel il-COVID-19, it-tneħħija tal-ostakli mhux ġustifikati li fadal, inkluż fis-servizzi u fis-Suq Uniku u l-iżgurar tal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi u ġusti tar-regoli tas-Suq Uniku, inkluż dawk dwar il-protezzjoni tal-investiment. Barra minn hekk, jeħtieġ li l-politika tas-Suq Uniku tkun allinjata mal-politiki industrijali, tal-SMEs u diġitali tal-UE. It-Triju huwa ppreparat għas-segwitu tar-Rapport dwar l-Ostakli u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Infurzar tal-Kummissjoni. Il-pandemija tal-COVID-19 turi li t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-suq uniku fi żminijiet ta' kriżi huwa vitali. Sabiex, fost affarijiet oħra, jiżdiedu t-tkabbir u l-kompetittività tal-Unjoni wara l-pandemija, regolamentazzjoni aħjar kif ukoll it-tnaqqis tal-ispejjeż ta' konformità u tal-piż amministrattiv ser jingħataw ukoll importanza kbira.

Peress li l-SMEs għandhom rwol kruċjali għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjiegi, u l-koeżjoni soċjali fis-soċjetajiet tagħna, dawn jeħtieġu kondizzjonijiet ta' qafas affidabbli u stabbli li jikkostitwixxu approċċ integrat, koerenti u orjentat lejn il-futur u implimentazzjoni sistematika u konsistenti tal-prinċipju "aħseb l-ewwel fiż-żgħir". Biex jiżguraw dan, it-tliet Presidenzi jinsabu lesti biex isegwu u jiżviluppaw aktar l-istrateġija tal-Kummissjoni għall-SMEs biex tissaħħaħ il-politika tal-UE għan-negozji żgħar u ta' daqs medju.

It-tisħiħ tal-SMEs u l-kompetittività industrijali fl-Ewropa huwa għan essenzjali tat-Triju, peress li jservi s-sovranià ekonomika Ewropea u jgħin ir-reżiljenza tagħha. L-istrateġija ta' rkupru tal-UE mill-kriżi tal-COVID-19 u l-istrateġija fit-tul għal tkabbir sostenibbli jeħtieġu wkoll strateġija ambizzjuża għall-politika industrijali tal-UE, inkluż l-indirizzar tal-kompetizzjoni, ir-regolamenti dwar l-għajnuna mill-istat u l-kondizzjonijiet ta' qafas ġenerali, u t-tisħiħ tat-teknoloġiji ewlenin, anke permezz tal-allinjament tax-xjenza, ir-riċerka u l-politika dwar l-innovazzjoni u l-promozzjoni tal-awtonomija teknoloġika tal-UE. L-identifikazzjoni ta' katini tal-valur strateġiċi, it-tfassil ġdid ta' ekosistemi industrijali u l-ħidma ulterjuri fuq l-identifikazzjoni ta' alleanzi industrijali u Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs) ser ikunu komponenti importanti. It-Triju ser jibni fuq l-Istrateġija Industrijali tal-UE tal-Kummissjoni u jipproponi l-passi li jmiss għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ. Barra minn hekk, it-Triju ser isegwi l-evalwazzjoni li għaddejja tal-Kummissjoni Ewropea tar-regoli tal-kompetizzjoni u, wara r-riżultati tal-valutazzjoni, ser jippromwovi r-riżultati, il-bidliet potenzjali u l-modernizzazzjoni tal-qafas ta' kompetizzjoni Ewropew fl-isfond tal-iżviluppi globali u t-trasformazzjoni diġitali. Għandu wkoll l-intenzjoni li jsaħħaħ l-effiċjenza, l-orjentazzjoni lejn l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà tal-akkwist pubbliku filwaqt li jqis it-tagħlimiet meħuda matul il-kriżi tal-COVID-19 u l-ħtieġa li terġa' tingħata spinta lill-ekonomija tal-UE.

Politika ta' Koeżjoni effettiva u flessibbli jenħtieġ li tiżgura investimenti biex jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi u soċjali enormi li nħolqu mill-kriżi tal-COVID-19; u jenħtieġ li tinvesti wkoll fi trasformazzjoni ekonomika u soċjali innovattiva u intelliġenti, lejn Ewropa aktar ekoloġika u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Jenħtieġ li tkopri r-regġuni kollha⁵, tappoġġa l-kompetittività tagħhom u ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u tnaqqas l-inugwaljanzi. It-Triju ser jagħmel l-almu tiegħu għall-adozzjoni f'waqtha tal-Pakkett leġislattiv ta' koeżjoni sabiex l-implimentazzjoni taċ-ċiklu l-ġdid tal-Politika ta' Koeżjoni jibda mingħajr dewmien.

It-Triju ser jesplora r-rwol tal-politika finanzjarja u ekonomika għal tkabbir sostenibbli u inklużiv.

Il-finanzjament tal-ekonomija jeħtieġ li jsir aktar robust, anke fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19. Għal dan il-għan, l-appfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja fid-dimensjonijiet kollha tagħha bħala prijorità, u l-ħidma fuq l-elementi kollha tat-tisħiħ ulterjuri tal-Unjoni Bankarja, kif ukoll it-tisħiħ tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, jenħtieġ li jkomplu bil-mod li ġie miftiehem. B'mod partikolari, it-tliet Presidenzi jistennu b'interess ir-rieżamijiet futuri tal-MiFID II u l-MiFIR, ir-Regolament dwar il-parametri referenzjarji, kif ukoll proposti li jimplimentaw ir-riformi finali ta' Basel III. Il-progress f'dawn l-oqsma ser isaħħaħ ukoll ir-rwol internazzjonali tal-euro, li jenħtieġ li jkun konformi mal-piż ekonomiku u finanzjarju globali tal-Unjoni. It-Triju jqis ir-rieżami ta' Solvibbiltà II bħala opportunità għal żvilupp ulterjuri mmirat ta' waħda mill-aktar sistemi prudenzjali avvanzati fid-dinja.

Hemm interess partikolari biex is-settur finanzjarju jitqarreb lejn l-era diġitali, fil-proposti futuri dwar il-kriptoassi u dwar ir-reżiljenza operazzjonali u ċibernetika tas-servizzi finanzjarji kif ukoll fl-Istrateġija dwar il-Finanzi Diġitali u strateġija Ewropea inkorporata dwar il-Pagamenti.

⁵ B'kont meħud tal-ispeċifikitajiet tar-regġuni msemija skont l-Artikolu 349 TFUE.

It-tliet Presidenzi ser itejbu l-ġlieda tal-UE kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, abbażi, fost oħrajn, tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għal politika komprensiva tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

Il-mobilizzazzjoni ta' finanzjament sostenibbli u t-tisħiħ tal-inklużjoni finanzjarja jistgħu jservu ta' appoġġ għall-kisba tal-Aġenda 2030, is-17-il SDG tagħha u l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku tal-UE. Għalhekk, it-tliet Presidenzi jistennew b'interess strateġija mġedda ta' finanzjament sostenibbli, li ser tikkompleta l-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli.

It-Triju ser jiffinalizza l-leġislazzjoni dwar l-Istrument Baġitarju għall-Konverġenza u l-Kompetittività u ser jibda l-implimentazzjoni tiegħu, fil-qafas tal-QFP.

Biex jiffunzjona tajjeb, is-Suq Uniku jeħtieġ kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u tassazzjoni ġusta u effettiva. It-tliet Presidenzi biħsiebhom jippromwovu aktar it-tassazzjoni ġusta f'ekonomija dejjem aktar diġitalizzata - b'mod partikolari fir-rigward ta' tassazzjoni minima effettiva - u jmessu 'l quddiem l-inizjattivi stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni biex tiġi miġġielda l-evażjoni tat-taxxa. Huma ser jippromwovu r-reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Dazju tas-Sisa fuq it-Tabakk u d-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija.

Il-protezzjoni tal-fruntieri tal-UE kontra oġġetti frawdolenti u l-isfruttar tal-potenzjal tal-leġislazzjoni doganali tal-UE huma essenzjali biex tissaħħaħ l-Unjoni Doganali. It-tliet Presidenzi jistennew b'interess il-Pjan ta' Azzjoni li jmiss dwar l-Unjoni Doganali u l-proposta biex tiġi stabbilita Tieqa Doganali Unika.

Il-qafas tal-proprjetà intellettuali huwa rilevanti ħafna għall-innovazzjoni fl-UE bħala kwistjoni trasversali għas-setturi kollha tal-ekonomija. It-Triju ser jaħdem għal Strateġija koerenti dwar il-Proprjetà Intellettuali.

L-UE teħtieġ li l-infrastruttura xierqa, effettiva u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi tkun tista' tibbenefika bis-sħiħ mit-transizzjoni doppja, dik ekoloġika u dik diġitali.

It-Triju għandu l-għan li jimplimenta l-Unjoni tal-Enerġija, permezz ta' suq tal-enerġija Ewropew integrat, interkonness u li jiffunzjona tajjeb, li jiffoka fuq l-enerġija sostenibbli u t-transizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Ser jesploraw il-kontribut massimu li s-settur tal-enerġija jista' jagħti għall-irkupru wara l-pandemija tal-COVID-19. It-tliet Presidenzi ser irawmu kooperazzjoni u skambju mill-qrib fost l-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-qafas ta' politika għall-enerġija għall-2030. Barra minn hekk, huma jistennaw b'interess l-inizjattivi tal-Kummissjoni għas-settur tal-enerġija, fost l-oħrajn, approċċ ġdid biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta tal-Ewropa, fjuwils innovattivi, miżuri li jgħinu biex tinkiseb integrazzjoni intelliġenti tas-setturi, inkluż dekarbonizzazzjoni ffaċilitata tas-settur tal-gass u l-adattament tar-Regolament dwar in-Network Trans-Ewropew tal-Enerġija (TEN-E) eżistenti għall-perspettivi ta' ekonomija b'impatt newtrali fuq il-klima biex tinħoloq infrastruttura tal-enerġija adattata għall-iskop tagħha.

Trasport sikur, innovattiv u konnettiv, li jinkludi l-promozzjoni ta' fjuwils u sistemi tal-mototrażmissjoni sostenibbli alternattivi, ser ikun prijorità; hekk kif anki l-interoperabbiltà u s-sostenibbiltà tal-konnettività Ewropea permezz tan-Network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) ser ikunu prijorità. It-Triju jistenna b'interess l-Istrateġija għal mobilità sostenibbli u intelliġenti u huwa impenjat biex jibda jaħdem fuq il-proposti ewlenin. It-Triju ser ifittex li jissalvagwardja l-fluss tal-katini tal-provvista fi żminijiet fejn ikun hemm sfidi fl-Unjoni kollha u ser jindirizza l-impatti tal-kriżi tal-COVID-19 fuq is-sistema tat-trasport, b'mod partikolari fis-settur tal-avjazzjoni ċivili. It-Triju ser jimmira lejn it-tisħiħ tas-settur tat-trasport u r-reżiljenza tiegħu. Barra minn hekk, it-Triju ser janalizza l-impatt li l-pandemija kellha fuq il-flussi tat-trasport ġewwa l-UE, l-operaturi tat-trasport tal-mezzi kollha tat-trasport u l-infrastruttura tat-trasport.

It-tliet Presidenzi huma konvinti li t-trasformazzjoni diġitali hija xi ħaġa li ser issawwar il-ħajja ta' kuljum fl-Ewropa, iżda wkoll xi ħaġa li l-Ewropa tista' ssawwar. Din tippreżenta opportunità iżda wkoll sfida għall-UE u l-mudell soċjetali u ekonomiku tagħha kif ukoll għall-kompetittività u s-sovranità tagħha. F'dan ir-rigward, it-tliet Presidenzi ser jagħtu attenzjoni speċjali lid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi u l-organizzazzjonijiet, b'mod partikolari fl-amministrazzjoni pubblika. Sabiex tinżamm u titrawwem ekosistema diġitali Ewropea innovattiva, sostenibbli u kompetittiva, b'mod partikolari f'setturi li huma ta' importanza strateġika u fil-qasam ta' teknoloġiji u infrastrutturi diġitali abilitanti essenzjali (inkluż l-infrastrutturi tad-data), jeħtieġ li s-sovranità diġitali tal-UE tkompli tissaħħaħ. F'dan ir-rigward, l-Intelliġenza Artifiċjali hija teknoloġija essenzjali li għandha potenzjal enormi għall-ħolqien ta' valur. Fid-dawl ta' dan, it-Triju jistenna b'interess il-proposti li jmiss b'segwitu għall-Komunikazzjoni "Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa", il-White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, l-Istrateġija Ewropea għad-Data u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u għal aktar sforzi fi ħdan is-Sħubija Ewropea tal-Blockchain kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Media u Awdjoviżiv imħabbar.

Id-diġitalizzazzjoni tħalli effetti fuq firxa wiesgħa ta' oqsma u għalhekk jeħtieġ li tiġi indirizzata b'mod koerenti fil-politiki interni u esterni tal-Unjoni. L-iżvilupp tal-infrastrutturi, il-konnettività (inkluż il-konnettività tal-gigabits sal-2025 u l-5G), is-servizzi li jiffokaw fuq l-utenti, kif ukoll is-salvagwardja tagħhom fi żminijiet ta' kriżi, flimkien mat-tisħiħ tar-regolamenti, l-investimenti, l-opportunitajiet u l-impatti relatati mal-ħarsien tal-ambjent u tal-klima jew l-iżvilupp sostenibbli, is-saħħa - kollha kemm huma ser ikollhom rwol importanti. L-istabbiliment ta' ekosistema tad-data suffiċjenti skont l-istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea għad-data (inkluż l-infrastruttura tad-data, il-protezzjoni tad-data u tal-privatezza, l-użu responsabbli tad-data, l-ispazji tad-data, l-aċċessibbiltà tad-data, il-kondiviżjoni tad-data, u s-sigurtà tad-data) ser ikollhom rwol kruċjali biex l-Ewropa jirnexxilha ssawwar it-trasformazzjoni diġitali.

Is-sistemi Ewropej ta' riċerka, saħħa u edukazzjoni għandhom ikunu lesti jilqgħu bis-sħiħ l-isfida tal-bidliet teknoloġiċi u tas-soċjetà, marbuta wkoll mad-diġitalizzazzjoni, filwaqt li jrawmu l-innovazzjoni għat-tkabbir u l-impjiegi, billi jippromwovu r-riċerka u l-innovazzjoni, prestazzjoni mtejbja fis-saħħa u investimenti fil-ħiliet u l-edukazzjoni tal-persuni; u t-tiftix ta' sinerġiji fi ħdan il-komunitajiet Ewropej xjentifiċi, ta' riċerka u ta' innovazzjoni sabiex jiġi massimizzat – kif ukoll sabiex tingħeleb il-kriżi tal-COVID-19 - il-potenzjal sħiħ tar-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni. F'dan ir-rigward it-Triju jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Futur tar-Riċerka u l-Innovazzjoni u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali aġġornat, l-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u qafas strateġiku ġdid għall-kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-Aġenda għall-Ħiliet aġġornata, u jistenna b'interess li javvanza s-segwitu tagħhom fil-Kunsill. L-esperjenza tal-isfidi ffaċċjati matul it-tifqigħa tal-COVID-19 turi li l-oqsma tal-edukazzjoni, tal-ħiliet u tar-riċerka għandhom ikunu flessibbli biżżejjed u reżistenti għal interruzzjonijiet fiċ-ċikli regolari tagħhom. L-isfruttament tal-potenzjal tal-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni għal soluzzjonijiet trasformattivi u l-kisba tal-SDGs ser jeħtieġu approċċ fuq diversi livelli li ser jiffoka b'mod strateġiku l-isforzi ta' dawn l-oqsma ta' politika fil-livelli kollha fi ħdan kull inizjattiva settorjali u jintegrahom f'approċċ komuni fil-livell tal-UE. Fl-istess ħin, kunċettwalizzazzjoni mill-ġdid taż-Żona Ewropea tar-Riċerka ser tkun meħtieġa biex tissodisfa l-obbligu tat-Trattat għall-istabbiliment ta' żona li fiha r-riċerkaturi jistgħu jseguw karriera tassew Ewropea u, bħall-għarfien u t-teknoloġiji, jiċċirkolaw liberament bejn il-fruntieri u s-sistemi. Ser tingħata wkoll attenzjoni speċjali lill-aspetti etiċi taż-ŻER imġedda u lix-xjenza mill-pubbliku fejn it-tliet Presidenzi ser jimplimentaw xi attivitajiet konġunti. Bħala rispons għall-kriżi tal-COVID-19, il-Presidenzi ser iħeġġu l-ħidma dwar l-istabbiliment tal-laboratorji konġunti tal-UE permezz tal-JRC għall-iżvilupp ta' mediċini u vaċċini.

It-tliet Presidenzi ser jistinkaw għall-adozzjoni f'waqtha tal-proposti leġislattivi tal-programm Orizzont Ewropa u Erasmus+ sabiex tinbeda l-implimentazzjoni taċ-ċiklu ġdid ta' politika mingħajr dewmien, inkluż ir-riformulazzjoni tar-Regolament dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u d-Deċiżjoni dwar l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-EIT għall-2021-2027. L-istess japplika għal programmi oħra tal-UE, bħal Ewropa Diġitali, Ewropa Kreattiva u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Il-protezzjoni tal-konsumatur għandha tiġi adattata għall-isfidi tat-trasformazzjoni diġitali u l-Aġenda 2030 u, fejn meħtieġ, għandha tiġi msaħħa fid-dawl tagħha. Jenħtieġ li jitqiesu l-vulnerabbiltajiet tal-konsumaturi f'setturi differenti. It-tliet Presidenzi jappoġġaw l-isforzi tal-Kummissjoni biex jitjieb l-infurzar tal-liġi tal-konsumatur u tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali. Il-fiduċja tal-konsumaturi f'livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u informazzjoni trasparenti għall-konsumatur huma fatturi importanti li jappoġġaw l-irkupru tal-ekonomija tal-Ewropa wara l-kriżi tal-COVID-19. It-Triju jistenna l-Aġenda tal-Konsumatur tal-Kummissjoni li tittratta t-tagħlimiet meħuda rispettivi u beħsiebu jmessi 'l quddiem b'mod rapidu proposti konkreti bħas-sistema ta' ċċarġjar u r-reviżjoni tar-Regolament dwar ir-Roaming u jistenna bil-ħerqa proposti oħra bħar-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti.

Jeħtieġ li l-UE trawwem settur spazjali kompetittiv u l-integrazzjoni tiegħu fl-ekonomija Ewropea, billi żżid l-użu tat-teknoloġiji u l-applikazzjonijiet spazjali biex tappoġġa l-politiki pubbliċi. Abbażi tal-adozzjoni tar-Regolament propost dwar Programm Spazjali Ewropew u t-trasformazzjoni tal-GSA f'EUSPA, it-tliet Presidenzi għandhom l-għan li jsawru t-triq għal era ġdida fl-attivitajiet spazjali tal-UE. Huma ser isegwu wkoll l-istabbiliment ta' pożizzjoni Ewropea dwar prinċipji ewlenin għall-ekonomija spazjali globali u l-iżvilupp tal-Ispazju Ġdid, inkluż approċċi mmexxija mis-suq u l-ftuħ tal-ispazju għal atturi ġodda.

Ser ikollu jingħata appoġġ lill-industrija tat-turiżmu fl-UE, li hija affettwata b'mod speċjali mill-kriżi attwali tal-COVID-19, b'mod partikolari lill-SMEs u s-settur tal-avjazzjoni ċivili. Flimkien mal-Istati Membri u l-Kummissjoni, it-Triju huwa lest li jaħdem fuq rispons konġunt u kkoordinat f'konformità mal-Pjan Direzzjonali għall-Irkupru, li ser jiżgura li l-attivitajiet tat-turiżmu jerġgħu jibdwu gradwalment u b'mod sikur, il-promozzjoni ta' turiżmu sostenibbli u li ser iserraħ moħħ il-konsumaturi. Reazzjoni għandha tindirizza l-għajnuna fuq żmien qasir, l-assistenza għan-negozji, kif ukoll l-irkupru fuq żmien twil.

IV. IL-BINI TA' EWROPA B'EFFETT NEWTRALI FUQ IL-KLIMA, EKOLOĠIKA, ĠUSTA U SOĊJALI

a. Il-bini ta' Ewropa b'effett newtrali fuq il-klima u ekoloġika

It-tliet Presidenzi huma impenjati bis-sħiħ lejn l-oġettiv li tinkiseb UE newtrali għall-klima sal-2050, f'konformità mal-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun kosteffikaċi, ġusta, soċjalment ibbilanċjata, ekwa u miksuba b'mod li jippreserva l-kompetittività tal-UE. F'dan ir-rigward, it-Triju jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli, li t-tliet Presidenzi ser ikollhom l-għan li jindirizzaw bħala kwistjoni ta' prijetà, inkluż il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-istrateġija ta' adattament għall-klima u segwita minn proposti legiſlattivi oħrajn fl-2020-2021. It-Triju huwa impenjat li jmessi 'l quddiem dawn l-inizjattivi kollha u jsaħħa l-azzjoni klimatika kemm domestikament kif ukoll permezz tal-azzjoni esterna, b'mod partikolari billi jaqbel li jissottometti aġġornament tal-NDC lill-UNFCCC fl-2020, f'konformità mal-obbligi tagħna skont il-Ftehim ta' Pariġi u wara valutazzjoni tal-impatt dettaljata.

F'termini ta' effiċjenza fir-riżorsi, l-ekonomija ċirkolari u l-ġestjoni tal-iskart, it-tliet Presidenzi jilqgħu l-Pjan ta' Azzjoni Ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari u huma leſti li jmessu 'l quddiem kwalunkwe inizjattiva li tirriżulta minn dan. Il-konsumaturi għandhom rwol importanti fl-ixprunar tat-tranżizzjoni ekoloġika u f'dan ir-rigward it-Triju jistenna b'interess il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-ġoti tas-setgħa lill-konsumaturi.

Il-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità u r-riżorsi naturali jiffurmaw element ewlieni ieħor fit-tranżizzjoni ekoloġika. L-UE u l-Iſtati Membri tagħha ser imessu u jżidu l-isforzi kontra t-telf tal-bijodiversità, anke fir-rigward tar-rabta bejn il-bijodiversità u s-saħħa tal-bniedem. It-Triju jappoġġa l-impenn tal-UE li tmessi bl-eżempju u tikkontribwixxi b'mod qawwi għall-adozzjoni ta' qafas globali tal-bijodiversità għal wara l-2020 ambizzjuż u l-implimentazzjoni tiegħu. It-tliet Presidenzi ser jippromwovu agrikoltura u sajd kif ukoll sistemi tal-ikel sostenibbli u ċirkolari, ġestjoni sostenibbli tal-foresti f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għal wara l-2020 msaħħa li tkopri ċ-ċiklu sħiħ tal-foresti u li tippromwovi l-bosta servizzi li jipprovdu l-foresti kif ukoll bijoekonomija sostenibbli, inkluż b'enfasi fuq il-garanzija tal-provvista tal-ikel u l-integrità tal-katini tal-provvista tal-ikel fi żminijiet ta' kriżi, it-trattament xieraq tal-annimali u aktar tama li t-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali jagħti l-frott mixtieq. Ser tingħata wkoll attenzjoni speċjali lill-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma, kif ukoll Aġenda komprensiva dwar l-Oċeani, inkluż it-tkabbir blu.

Ir-reżiljenza tal-agrikoltura u l-vitalità taż-żoni rurali fit-territorju kollu tal-UE huma kruċjali biex tiġi żgurata l-koeżjoni territorjali, kif ukoll l-aċċess taċ-ċittadini għal ikel sikur u affordabbli. It-tliet Presidenzi ser jagħmlu l-almu tagħhom għall-adozzjoni f'waqtha tal-proposti leġislattivi tal-Politika Agrikola Komuni sabiex l-implimentazzjoni taċ-ċiklu politiku ġdid tibda mingħajr dewmien.

Fil-kuntest tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, it-tliet Presidenzi huma impenjati wkoll għall-adozzjoni f'waqtha tal-proposta leġislattiva għal Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

It-Triju jisħaq li l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha huma essenzjali biex jinkiseb futur aħjar u aktar sostenibbli għal kulħadd, fejn ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Għal dan il-għan, l-Aġenda 2030 għandha tiġi integrata fil-politiki esterni u interni kollha tal-UE fil-livell xieraq ta' dettall.

b. Il-bini ta' Ewropa ġusta u soċjali

It-tliet Presidenzi huma konvinti mill-punti b'saħħithom tal-Mudell Soċjali Ewropew, u jemmnu li għad jista' jinkiseb aktar progress.

Jista' jsir aktar biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Abbażi tad-diviżjoni eżistenti tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, it-Triju huwa impenjat li jmexxi 'l quddiem din il-ħidma. It-trawwim fl-UE ta' konverġenza 'l fuq huwa wieħed mill-oġettivi tiegħu, kif ukoll l-appoġġ għall-koeżjoni soċjali. Il-mezzi biex jintlaħaq dan l-oġettiv huma b'mod partikolari qafas tal-UE għal pagi minimi nazzjonali, strumenti li jipproteġu l-impjegi u d-dħul fi żminijiet ta' xokkijiet ekonomiċi, aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema kollha u għal dawk li jaħdmu għal rashom, b'mod partikolari l-gruppi l-aktar vulnerabbli, u inklużjoni soċjali aħjar. It-Triju ser isaħħaħ l-isforzi għall-ġlieda kontra l-faqar ukoll billi jħeġġeġ id-dibattitu dwar inizzjattivi futuri rigward il-protezzjoni ta' introjtu minimu. Hemm bżonn ta' rispons biex jittaffew il-konsegwenzi soċjali tal-pandemija. Ser ikun meħtieġ appoġġ għall-ekonomiji tal-Istati Membri u għall-miżuri meħuda. Il-proposti mħabbra marbuta ma' paga minima u ma'skema ta' riassigurazzjoni tal-qgħad, li l-Kunsill biħsiebu jeżamina, l-inizzjattiva għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh kif ukoll garanziji għat-tfal, huma passi importanti għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Il-ħidma fl-oqasma tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali ser tiffoka fuq il-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19. Il-ħidma ser tinkludi l-oqasma tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-protezzjoni tal-ħaddiema f'impjeg prekarju, b'mod partikolari dawk f'forom ta' impjeg mhux standard u fuq l-użu ta' forom flessibbli ta' xogħol bħat-telexogħol, inkluż permezz ta' għodod diġitali.

It-tliet Presidenzi ser jixprunaw sforzi biex tinkiseb implimentazzjoni koerenti mal-UE kollha tal-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u d-Dikjarazzjoni Tripartitika dwar il-Prinċipji li Jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali tal-ILO. Huma jappellaw għall-iżvilupp ta' komunikazzjoni ġdida dwar "Responsabbiltà Soċjali Korporattiva (CSR)" inkluż pjan ta' azzjoni tal-UE dwar imġiba kummerċjali responsabbli u b'kont meħud tal-esperjenza u t-tagħlimiet mill-kriżi tal-COVID-19.

Ix-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol qed jinbidlu malajr, l-aktar minħabba d-diġitalizzazzjoni u t-tixjiħ demografiku. Sabiex il-futur tax-xogħol jissawwar b'mod attiv, it-Triju qed jistenna b'interess il-modi mħabbra biex jitjiebu s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tal-ħaddiema kollha, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tal-pjattaformi, tat-teleħaddiema u tal-ħaddiema f'forom oħra ta' xogħol mhux standard.

L-isfidi demografiċi għandhom jiġu indirizzati ulterjorment. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-gruppi kollha u l-kooperazzjoni u d-djalogu interġenerazzjonali għandhom jissaħħu. L-intelliġenza artifiċjali ser tkun ta' importanza ċentrali għall-iżviluppi fix-xogħol u s-soċjetà. Il-politika tax-xogħol hija partikolarment interessata fl-oqasma tal-ħiliet, is-sikurezza u s-sigurtà u d-djalogu soċjali. L-aċċess għat-taħriġ u l-edukazzjoni vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja huwa essenzjali biex jippermettu lill-ħaddiema jiksibu l-ħiliet li huma meħtieġa fis-suq tax-xogħol u biex jadattaw għal bidliet anke meta dawn ikunu akuti u mhux mistennija.

Jenħtieġ li jiġi żgurat aċċess inklużiv għall-edukazzjoni, anke permezz ta' mezzi diġitali, permezz tal-Aġenda Aġġornata għall-Ħiliet għall-Ewropa u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni. L-investiment fil-ħiliet, inkluż opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet kif ukoll fil-ħiliet diġitali ser ikun essenzjali biex jiġu indirizzati d-differenzi fil-ħiliet li qed jikbru u x-xejriet tax-xogħol li qed jinbidlu.

Il-promozzjoni tal-kultura u l-media ser tikkontribwixxi, fost l-oħrajn, għal soċjetajiet inklużivi u koeżivi, anke bl-appoġġ lis-setturi kulturali u kreattivi permezz tal-Programm Ewropa Kreattiva. It-Triju jistenna wkoll b'interess l-inizjattivi tal-Kummissjoni relatati mal-Garanziji għat-Tfal u ż-Żgħażaġħ.

Politika tal-Unjoni għal UE eqreb lejn iċ-ċittadini ser tikkontribwixxi aktar għall-iżvilupp, u t-tkabbir u ambjenti ta' għajxien xierqa billi tqis il-ħtiġijiet speċjali taż-żoni rurali u kostali kif ukoll trawwem żvilupp integrat u sostenibbli tal-ibliet u r-reġjuni. L-Unjoni tappoġġa kura tas-saħħa ta' kwalità tajba għal kulħadd billi, fost l-oħrajn, tiżgura l-katina tal-provvista għall-prodotti mediċinali bħala element importanti tal-aċċess għall-mediċini. F'dan il-kuntest, it-Triju ser jikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni fl-elaborazzjoni u s-segwitu tal-"Pjan Ewropew għall-Ġlieda Kontra l-Kanċer". It-Triju biħsiebu jikkontribwixxi għat-titjib tal-litteriżmu dwar il-kura tas-saħħa.

Il-pandemija tal-COVID-19 uriet li ċerti proċessi relatati mas-saħħa, fil-livell tal-UE – kemm fil-qasam tal-akkwist konġunt fil-livell tal-UE kif ukoll fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' vaċċini u ta' mediċini antimikrobiċi u antivirali – jistgħu jittejjbu. Il-leġislazzjoni fil-qasam tal-prodotti mediċinali u l-apparati mediċi għandha tiġi aġġornata biex tippermetti aġġustament rapidu għall-kriżi tas-suq u prinċipju ta' awtosuffiċjenza, fost l-oħrajn f'termini ta' disponibbiltà ta' mediċini, vaċċini u apparat mediku. F'dan il-kuntest, filwaqt li jiġi rispettati l-kompetenzi nazzjonali, it-Triju jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tgħin biex jiġi żgurat li l-Ewropa għandha l-provvista ta' mediċini affordabbli biex tissodisfa l-ħtiġijiet tagħha. It-tliet Presidenzi ser jiffokaw ukoll fuq il-leġislazzjoni fil-qasam ta' "adattament għal skop differenti" filwaqt li jippermettu approċċ komuni fl-akkwist b'mod rapidu u effiċjenti ta' data f'provi kliniċi. Ser tiġi mħeġġa riflessjoni dwar il-ħolqien ta' "faċilitajiet ta' trattament konġunti" bejn pajjiżi interessati. Jeħtieġ li t-tħejjija għal pandemiji fl-UE tissaħħaħ billi, fost l-oħrajn, jiġi promoss l-iskambju diġitali ta' data dwar is-saħħa b'rispett sħiħ tad-drittijiet għall-privatezza kif ukoll billi jissaħħu l-istrutturi trans-Ewropej eżistenti bħall-ECDC.

V. IL-PROMOZZJONI TAL-INTERESSI U L-VALURI TAL-EWROPA FID-DINJA

It-tliet Presidenzi flimkien mar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Politika Estera u ta' Sigurtà ser jikkontribwixxu għat-tħejjija effettiva tas-Summits u l-laqgħat tal-Mexxejja tal-UE organizzati mill-President tal-Kunsill Ewropew ma' Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern minn pajjiżi u reġjuni terzi, kemm f'format istituzzjonali tal-UE kif ukoll f'format multilaterali. It-Triju f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli ser jiżgura wkoll segwitu għad-diskussjonijiet fil-Kunsill Ewropew dwar l-affarijiet barranin u r-relazzjonijiet internazzjonali.

It-tliet Presidenzi ser jikkooperaw mill-qrib u jappoġġaw kollettivament lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà fit-twettiq tal-kompiti tiegħu u ser ifittxu l-impenn attiv u l-appoġġ dedikat tal-Istati Membri kollha għall-politika barranija tal-Unjoni.

Permezz tal-appoġġ lir-Rappreżentant Għoli, it-Triju ser jieħu kemm jista' jkun passi tanġibbli biex tiżdied il-kapaċità tal-UE li taġixxi b'mod deċiżiv u f'unità biex tippromwovi b'mod effettiv l-interessi u l-valuri tal-Ewropa u biex tiddefendi u tkompli tfassal ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, f'konformità mad-dritt internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem fid-dinja kkontestata tal-lum, bit-tisħiħ tal-multilateraliżmu u s-sistema tan-NU. Ser infittxu li nsaħħu l-pożizzjoni tal-UE bħala mexxejja globali, u nippromwovu l-paċi, il-prosperità u d-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd.

Dan jirrikjedi l-mobilizzazzjoni u l-użu strateġiku tal-firxa sħiħa tal-azzjoni esterna tal-UE, mid-diplomazija sal-iżvilupp, il-kummerċ, ir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali, jew il-politika dwar l-enerġija, inkluż strumenti ta' sigurtà u ta' difiża, u informazzjoni u komunikazzjoni attiva. It-Triju huwa impenjat li jagħti sehem f'din il-ħidma konġunta flimkien mar-Rappreżentant Għoli, l-istituzzjonijiet kollha tal-UE u l-Istati Membri biex jafferma UE b'saħħitha f'dinja multilaterali b'rabtiet mill-qrib bejn reġjun u ieħor. Dan jinkludi l-kapaċità tal-UE li tirrispondi għal emerġenzi kumplessi. Għalhekk, ser tkun prijorità tat-Triju li jevalwa r-rispons għall-kriżi tal-UE u tal-Istati Membri tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19, biex jiġu identifikati lakuni u sfidi, l-aħjar Prattiki, u modi kif jitjiebu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni reċiproċi. L-approvazzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrument ta' viċinat, ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u ta' kooperazzjoni internazzjonali ser jippermettu l-promozzjoni tal-interessi u l-valuri tagħna u allinjament aħjar tal-kooperazzjoni tagħna mal-prijoritajiet tal-politika esterna tal-UE.

It-Triju jilqa' d-deċiżjoni li jinfetħu negozjati tal-adeżjoni mal-Albanija u l-Maċedonja ta' Fuq u jafferma mill-ġdid il-perspettiva tal-UE tal-Balkani tal-Punent u l-oġettiv tagħha li tipproċedi bil-proċess ta' tkabbir lejn il-Balkani tal-Punent abbażi tal-komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni dwar il-metodoloġija msaħħa tat-tkabbir, fejn rilevanti, u l-approfondiment tal-kooperazzjoni, inkluż kif miftiehem fis-Summit ta' Zagreb.

F'dan il-kuntest, it-Triju ser jagħti attenzjoni partikolari biex jiġi indirizzat l-impatt soċjoekonomiku sinifikanti tal-kriżi tal-COVID-19 fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u l-irkupru tal-ekonomiji tagħhom, inkluż il-ħolqien ta' perspettiva pożittiva għaż-żgħażaġh. It-Triju ser jappoġġa l-konnettività fid-dimensjonijiet kollha tagħha u b'hekk inaqqas id-distakk fl-iżvilupp bejn l-UE u r-reġjun. Il-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, u l-libertà tal-media jirrappreżentaw in-narrattiva konġunta tal-UE tagħna, li għandha tiġi indirizzata permezz ta' komunikazzjoni strateġika effettiva. Għandha ssir enfasi wkoll fuq l-indirizzar ta' kwistjonijiet pendenti, it-tisħiħ tar-reżiljenza kontra t-theddid ibridu u d-diżinformazzjoni permezz ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib fl-oqsma tal-PESK, fost l-oħrajn, l-indirizzar ta' influwenzi ta' tfixkil fir-reġjun.

Is-sħubija transatlantika u r-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE mal-Istati Uniti ser ikunu wieħed mill-punti ewlenin tat-Triju, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, sabiex ikomplu jiddependu fuq ir-relazzjoni ta' benefiċċju reċiproku u bbilanċjata.

Il-pajjiżi taż-ŻEE u tal-EFTA huma sħab mill-qrib. Hu importanti ħafna li jkun hemm koordinazzjoni mill-qrib mal-istati taż-ŻEE-EFTA u mal-Iżvizzera għall-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 peress li l-istati tal-EFTA għandhom livell għoli ta' integrazzjoni ekonomika mal-UE permezz tas-suq intern taż-ŻEE u n-network mill-qrib ta' kuntratti mal-Iżvizzera.

Flimkien mar-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni, it-Triju ser isegwi politika tal-viċinat ambizzjuża lejn il-Lvant u n-Nofsinhar. Qed jipprova speċjalment tgħin lis-sħab ġeografikament immedjati tiegħu biex jirnexxilhom joħorġu mill-kriżi tal-COVID-19 u jsaħħu r-reżiljenza globali tagħhom. Barra minn hekk, it-Triju ser jagħmel enfasi qawwija fuq l-appoġġ lir-Rappreżentant Għoli biex jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati kunflitti kbar fil-viċinat tal-Unjoni u lil hinn, bħal fil-Libja, ir-reġjun tas-Sahel, is-Sirja, u l-Lvant tal-Ukrajna.

It-Triju, b'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli, ser jikkontribwixxi wkoll għat-tħejjija u l-implimentazzjoni sussegwenti tal-impenji li għandhom jittieħdu fis-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li jmiss. Ser tkompli wkoll il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin ta' Ġunju 2019 dwar l-impenn tal-UE għall-kooperazzjoni reġjonali tal-Baħar l-Iswed u l-inizjattiva tal-UE għas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed.

It-Triju jappoġġa lir-Rappreżentant Għoli fil-proċess ta' evalwazzjoni tal-ħames prinċipji ta' gwida fir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja sabiex b'mod attiv isawwar il-politika tal-UE.

L-UE ser tintensifika l-kooperazzjoni tagħha mal-OSKE, li tista' tagħmel differenza sinifikanti fis-sigurtà u l-istabbiltà fl-Ewropa minħabba l-firxa ġeografika unika tagħha, istituzzjonijiet awtonomi, in-network ta' operazzjonijiet fuq il-post u l-potenzjal diplomatiku ġenerali tagħha.

Fil-kuntest tas-sinifikat ġeopolitiku dejjem akbar tar-reġjun bħala pont bejn l-Ewropa u l-Asja, l-UE ser taħdem fuq il-prijoritajiet ewlenin deskritti fl-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Asja Ċentrali adottata f'Ġunju 2019. L-UE ser tistinka biex ittejjeb il-konnettività bejn l-Ewropa u l-Asja, kif stipulat fl-istrateġija Nikkollegaw l-Ewropa u l-Asja.

Filwaqt li tappoġġa l-isforzi tar-Rappreżentant Għoli, taħt it-tliet Presidenzi, l-UE ser tistinka biex tintensifika l-kooperazzjoni tagħha mal-ASEAN, bil-għan li tikseb "Sħubija Strateġika". F'dan il-kuntest, il-President tal-Kunsill Ewropew qed jespjora l-possibbiltà ta' Laqgħa tal-mexxejja tal-UE u l-ASEAN. L-UE ser tkompli trawwem djalogu u kooperazzjoni mal-Asja permezz tal-Laqgħa bejn l-Asja u l-Ewropa (ASEM), li qed tippjana li tagħmel it-13-il Summit tagħha fis-16 u s-17 ta' Novembru 2020, fi Phnom Penh (il-Kambodja), u tipprevedi Laqgħa bejn il-Mexxejja tal-UE u ċ-Ċina. Barra minn hekk, ser jitħejjew summits annwali tal-UE maċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun u r-Repubblika tal-Korea. It-Triju ser iżid l-isforzi tiegħu fl-implimentazzjoni u l-avvanz tal-Istrateġija għall-Konnettività bejn l-UE u l-Asja b'approċċ ibbażat fuq il-valuri li jikkoċentra b'mod ċar fuq il-konformità mal-istandards internazzjonali, is-sostenibbiltà u t-trasparenza. Laqgħa tal-Mexxejja tal-UE u l-Indja hija skedata li ssir f'Porto f'Mejju 2021 fuq l-stedina tal-President tal-Kunsill Ewropew u ospitata mill-Presidenza Portugiża.

Is-Summit bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana, li għandu jsir f'Ottubru 2020, u l-laqgħat Ministerjali bejn l-UE u l-UA previsti ser ikunu opportunitajiet importanti għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni mal-Afrika. It-tliet Presidenzi ser jaħdmu wkoll għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-firma u l-konklużjoni tal-ftehim ta' wara Cotonou.

Taħt it-tliet Presidenzi, l-Unjoni Ewropea għandha tkompli tagħmel l-almu tagħha biex tiżgura solidarjetà mal-Afrika fil-ġlieda kontra l-COVID-19. B'kooperazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli, it-tliet Presidenzi ser jiżguraw li, fir-relazzjonijiet tagħha mal-Afrika, l-UE ser taħdem fuq il-prijoritajiet konġunti maqbula fis-Summit bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana, inkluż il-paċi u s-sigurtà sostnuta fil-kontinent Afrikan kif ukoll it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, l-investiment, il-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp tal-bniedem, filwaqt li fl-istess ħin tfittex soluzzjonijiet konġunti u pożittivi għall-kwistjonijiet tal-klima, il-migrazzjoni u l-mobbiltà. L-UE ser tappoġġa wkoll il-proġett ta' integrazzjoni ekonomika taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Kontinentali Afrikana u tintensifika l-isforzi interkontinentali biex tħares l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima.

Flimkien mar-Rappreżentant Għoli, it-Triju għadu ddedikat li jsaħħaħ is-sħubija politika tal-UE mal-Amerka Latina u l-Karibew. L-UE trid tibqa' involuta ma' pajjiżi fir-reġjun u tkompli ssegwi r-riżultati b'modi differenti, fost l-oħrajn billi taġġorna l-ftehimiet fis-seħħ - kif inhu l-każ mal-Messiku u ċ-Ċili, u timxi 'l quddiem mal-Mercosur. L-isfidi li qed inħabbtu wiċċna magħhom jitolbu li l-UE taqdi bis-sħiħ ir-rwol dinji tagħha. Il-kriżijiet varji fir-reġjun, b'mod partikolari fil-Venezwela, ser jeħtieġu involviment politiku intens.

It-Triju għadu ddedikat għal kummerċ miftuħ, ambizzjuż u ġust, sostenibbli u bbażat fuq ir-regoli. Il-politika kummerċjali hija parti kritika minn rispons politiku ekonomiku olistiku għall-kriżi. Ir-riforma tad-WTO biex jissaħħaħ l-ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli u r-riforma tas-sistema għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' investiment internazzjonali huma elementi ewlenin f'dan l-aspett. Fl-istess ħin, it-Triju ser ikompli jaħdem fuq ftehimiet bilaterali ambizzjużi dwar il-kummerċ ħieles u l-protezzjoni tal-investiment, filwaqt li jiżgura kundizzjonijiet ekwi u aċċess aħjar għas-swieq tal-akkwist pubbliku. In-negozjati ta' Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mal-Indoneżja x'aktarx ser jiġu konklużi fl-2021. Il-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles mal-Awstralja u New Zealand qed jiġu nnegozjati u jistgħu jiġu konklużi matul l-2021. It-tliet Presidenzi ser jaħdmu wkoll għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni mat-Tajlandja fl-2021. It-Triju ser jistinka għall-firma tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Mercosur u l-Ftehim Globali mmodernizzat bejn l-UE u l-Messiku, u għall-Modernizzazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni maċ-Ċili. Ser isiru l-aħjar sforzi biex tiġi żgurata il-firma tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-konklużjoni tan-negozjati ta' Ftehim Komprensiv ambizzjuż u bbilanċjat dwar l-Investiment maċ-Ċina. It-Triju ser jaħdem għall-possibbiltà ta' tnedija mill-ġdid tan-negozjati dwar ftehim ambizzjuż dwar il-kummerċ u l-investiment bejn l-UE u l-Indja.

L-UE għandha tipprova taħdem aħjar flimkien fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u biex tkompli ssaħħa is-sħubiji internazzjonali tagħha f'dan il-qasam b'mod inklużiv. It-tliet Presidenzi jissottolinjaw li l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-SDGs tagħha jipprovdu qafas politiku trasformattiv biex jinqered il-faqar u jinkiseb żvilupp sostenibbli globalment, u ser jiżguraw li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jmessu l-ambizzjoni u l-azzjoni. It-Triju, b'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli, għadu wkoll iddedikat li jindirizza l-impatti aktar mifruxa ta' azzjonijiet domestiċi fuq il-livell internazzjonali u globali u jfakkar fl-impenn tal-UE lejn it-tmim tal-għu u l-malnutrizzjoni. F'dan ir-rigward it-tliet Presidenzi jilqgħu s-Summit Dinji tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel skedat għall-2021 u jenfasizzaw il-hteġa li jiġu adottati politiki koerenti tal-UE. Barra minn hekk, ser ikun fuq l-aġenda l-indirizzar ta' firxa sħiħa ta' sfidi tal-ilma bil-għan li jiġi żviluppat approċċ komprensiv għall-ilma li jqis ir-rabta bejn l-għajnuna umanitarja, l-iżvilupp u l-paċi, kif ukoll aspetti ambjentali, tas-saħħa globali u tan-nutrizzjoni.

It-tliet Presidenzi ser jaħdmu wkoll għat-tisħiħ tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp, bħala segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2019 u l-miżuri fuq perijodu qasir u twil ta' żmien identifikati mir-rapport tal-Grupp ta' Persuni Għorrief tal-2020. It-Triju ser imexxi wkoll il-ħidma għall-approvazzjoni tal-Kunsill tat-tielet Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-implimentazzjoni tiegħu.

Filwaqt li jappoġġa l-isforzi tar-Rappreżentant Għoli biex jiġi promoss u msaħħa aktar ordni internazzjonali effettiv ibbażat fuq ir-regoli, it-Triju huwa ddedikat bis-sħiħ biex iżid il-prominenza ta' kontroll tal-armi internazzjonali effettiv u bbażat fuq it-trattat, id-diżarm u n-nonproliferazzjoni bħala pilastri ewlenin tal-paċi u s-sigurtà globali.

Il-pandemija tal-COVID-19 u kriżijiet oħrajn qed ikollhom effetti b'firxa wiesgħa fuq il-ħtiġijiet umanitarji madwar id-dinja. Taħt it-tliet Presidenzi, l-UE ser tistinka biex tipprovdi għajnuna umanitarja li ssalva l-ħajjiet ta' dawk fil-bżonn. Hekk kif inkomplu l-ħidma tat-Triju ta' qabel, speċjalment il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2019 dwar id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, ser nippromwov s-salvagwardja tal-ispazju umanitarju u l-promozzjoni tal-Liġi Umanitarja Internazzjonali. Ser naħdmu biex l-Istati Membri kollha u l-UE jkunu firmatarji tas-Sejħa Umanitarja għall-Azzjoni.

Il-feġġ tal-virus tal-COVID-19 wera r-rilevanza tal-kooperazzjoni fis-Saħħa Globali u reazzjoni trasparenti għal kriżi. F'dan ix-xenarju t-Triju huwa ddedikat biex jaħdem flimkien biex jagħti leħen aktar qawwi u aktar strateġiku lill-UE u l-Istati Membri tagħha f'fora internazzjonali dwar is-Saħħa Globali, bħal eż. id-WHO. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jappoġġaw pajjiżi sħab fit-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa komprensivi tagħhom u fil-mitigazzjoni tal-konsegwenzi soċjoekonomiċi ħorox tal-pandemija. Tim Ewropa hija l-espressjoni tanġibbli tar-rieda Ewropea li nesprimu s-solidarjetà dinjija tagħna. Fuq il-livell dinji, bil-ħidma mas-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni fuq vaċċin, pajjiżi sħab ikunu jistgħu jkollhom aċċess sabiex tiġi miġġielda l-espansjoni tal-pandemija.

Taħt it-tliet Presidenzi, l-UE ser tkompli timplimenta l-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima (EUMSS) u l-Pjan ta' Azzjoni aġġornat tagħha biex ittejjeb il-mod kif l-Unjoni twieġeb fuq skala globali għal theddid u sfidi għas-sigurtà marittima li jolqtu persuni, attivitajiet u infrastrutturi, b'mod partikolari permezz ta' kooperazzjoni diplomatika intensifikata ma' sħab internazzjonali, b'mod partikolari fil-Golf tal-Guinea, u tisħiħ tal-kapaċitajiet ikkoordinat. Ir-rispons tal-politika ser jiġi eżaminat fil-kuntest tar-rapport ta' implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-EUMSS li għandu jiġi elaborat fl-2020.

Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK)

Filwaqt li jappoġġaw il-ħidma tar-Rappreżentant Għoli u jaħdmu mill-qrib flimkien mal-Istati Membri, it-tliet Presidenzi huma impenjati bis-sħiħ biex isaħħu l-aspetti kollha tal-PSDK bl-għan ġenerali li l-UE ssir attur responsabbli, kapaċi u ta' min joqgħod fuqu u sieħeb dinji għall-paċi u s-sigurtà. Għalhekk, is-sħab tat-Triju huma ddeterminati li jkomplu jsaħħu l-kapaċità tal-UE li tieħu azzjoni sabiex tkun tista' twieġeb b'mod adegwat u deċiżiv għal kriżijiet li jaffettwaw direttament l-interessi u s-sigurtà tagħna - fejn possibbli mas-sħab tagħna u fejn meħtieġ indipendentement.

Il-ħila tagħna li nieħdu azzjoni tiddependi minn fehma ċara u komuni ta' dak li rridu li nkunu kapaċi li nagħmlu bħala Ewropej fil-qasam tas-Sigurtà u d-Difiża kif stipulat fl-Istrateġija Globali tal-UE. Hemm bżonn ta' gwida politika u strateġika jekk irridu niksbu l-aspettattivi tal-Aġenda Strateġika 2019-2024. Għalhekk, it-Triju ser jagħti l-appoġġ sħiħ tiegħu lill-ħidma mmexxija mir-Rappreżentant Għoli għal "Kumpass Strateġiku". Analiżi komuni tat-theddid tipprovdi l-bażi għal dan id-djalogu strateġiku biex tgħin biex nimxu lejn fehma politika komuni u ppjanar u żvilupp tal-kapaċitajiet tad-difiża aktar orjentati lejn l-għanijiet.

It-Triju ser ikompli bl-isforzi biex iżid il-kooperazzjoni bejn il-PSDK u l-ĠAI, l-appoġġ għal proċessi nazzjonali biex jiżdiedu l-kapaċitajiet għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK u ħafna aktar azzjonijiet li jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-Patt dwar id-dimensjoni ċivili tal-PSDK sal-bidu tas-sajf tal-2023. Ser isiru bosta workshops u żewġ Konferenzi ta' Reviżjoni Annwali ta' livell għoli, u ser jinholq Ċentru ta' Eċċellenza dwar il-Ġestjoni Ċivili ta' Kriżi.

Ser ikompli l-progress fuq aktar żvilupp tal-inizjattivi tad-difiża tal-UE u koerenza bejniethom, fost l-oħrajn bl-implimentazzjoni tal-passi rivoluzzjonarji ta' dawn l-aħħar sentejn fl-oqsma ewlenin kollha (PESCO, CARD, u l-Fond Ewropew għad-Difiża). Dan għandu jinkludi Bażi Teknoloġika u Industrijali ta' Difiża Ewropea aktar b'saħħitha, inklużiva u sostenibbli li tqis ir-rwol tal-SME.

Il-koerenza bejn l-inizjattivi tal-UE marbutin mad-difiża bil-għan li jilhq u l-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE fis-sigurtà u d-difiża ser tkompli tiġi promossa b'approċċ ibbażat fuq ir-riżultati bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kooperazzjoni fid-difiża, u b'hekk l-Unjoni tingħata s-sett it-tajjeb ta' kapaċitajiet u jissaħħaħ ir-rwol tagħha bħala fornitur tas-sigurtà. Koordinazzjoni politika strateġika msaħħa aktar u monitoraġġ tal-implimentazzjoni ser ikunu ta' importanza kbira biex ikun hemm approċċ koerenti fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet tad-Difiża Ewropea.

Fl-istess ħin, it-tliet Presidenzi flimkien mar-Rappreżentant Għoli għadhom iddedikati bis-sħiħ għas-sħubija ta' sigurtà transatlantika billi jiżguraw li l-inizjattivi kollha marbutin mal-PSDK jkunu komplementari man-NATO. It-tisħiħ tal-koeżjoni u l-kapaċità għal azzjoni konġunta kemm tan-NATO kif ukoll tal-UE ser jinkludu l-mobbiltà militari, iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża, l-iżvilupp ta' kapaċitajiet, it-theddid ibridu, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet. Fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, dan jinkludi wkoll għajnuna militari lill-awtoritajiet ċivili u miżuri biex isaħħu r-reżiljenza/it-tħejjija ċivili. B'hekk, ser tingħata prijorità lill-kooperazzjoni mill-qrib taż-żewġ organizzazzjonijiet u t-tisħiħ tal-pilastru Ewropew tan-NATO. Il-kooperazzjoni informali stabbilita fuq il-livell tal-persunal man-NATO tikkostitwixxi bażi solida għal involviment b'saħħtu u kontinwu kif enfasizzat fl-erba' rapporti ta' progress li saru s'issa.
